# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 - IT-TLIETA 14 TA' OTTUBRU 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:36pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Clinton Sammut | Kunsillier |

Pubbliku: Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Sammut infurmah permezz ta' email li aktarx mhux se jkun jista' jattendi minħabba li kien ma jiflaħx. Kopja tal-email annessa f'A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Is-Sindku ipproponiet emenda fuq punti 2.6 u 2.9. Wara diskussjoni kien hemm qbil li punt 2.6 jinbidel għal: 'Is-SE informa lill-Kunsill li kienet waslet ittra mill-Uffiċċju Parrokkjali fejn intalbet laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill sostna li, qabel ma tiġi kkunsidrata l-ittra, l-Arċipriet għandu jitlob apoloġija dwar l-aġir tiegħu kif spjegat taħt 2.1'. Dwar punt 2.9, wara diskussjoni kien hemm qbil li jitneħħew il-paragrafi numru 2.9 sa 2.14.

2.3. Is-Sindku talbet ukoll emenda f'punt 12.2. Kien hemm qbil li 12.2 tinbidel għal: 'Waqt id-diskussjoni s-Sindku ġibdet l-attenzjoni li, għalkemm kienet taqbel li din it-triq kienet fi stat ħażin, xorta waħda kellna naħsbuha sew u ma tittiħidtx deċiżjoni malajr, billi Trejqet il-Kampanjol kienet ħa tiswa lill-Kunsill ftit inqas minn nofs il-baġit kollu tat-toroq għas-sena 2014 u dan kien ifisser li ma kienx ser jibqa' baġit biżżejjed għal toroq oħrajn. Ittieħdet deċiżjoni li għandu jibda l-proċess biex it-trejqa tinkesa bit-tarmak.'

2.4. Il-Kunsill approva emenda mitluba mill-Kunsillier Sciberras minn punt 2.3 *'huwa giddieb'* tinbidel f'*'gideb'*.

2.5. Il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

3.1. Is-SE ippreżenta r-risposta tal-AKL dwar l-ittra li bagħat il-Kunsill biex jiċċara l-mod ta' kif intagħżlu n-nies biex jitilgħu għall-konferenza li saret il-Polonja.

3.2. Is-SE ippreżenta ukoll r-risposta li bagħat l-arċipriet għall-ittra li intbagħtet wara d-deċiżjoni tal-laqgħa preċedenti.

3.3. Is-SE informa li sa laqgħa oħra x-xogħol relatat mal-istreaming se jkun lest ħlief aktarx għal xi testijiet. Huwa semma wkoll li ġie rrakomandat li jiżdiedu l-ammont ta' mikrofoni min tnejn għal erbgħa, għaliex għall-qies tal-mejda tal-Kunsill, hemm probabiltà kbira li b'żewġ mikrofoni biss ma jkunx jinstema sew kullhadd. Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ mikrofoni oħra.

3.4. Is-SE informa lill-Kunsill li wasal invit għall-Green Awards mingħand Green MT li iżda se jaħbat eżatt mal-ftuħ uffiċċjali tal-wirja tal-Arti, Delizzji u Snajja.

3.5. Is-SE informa li se jerġgħu jsiru korsijiet tal-LearnIT min naħa tat-TCTC. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa għall-prezz ta' €1100.

3.6. Is-SE informa li wasal iż-żmien li jinstab Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, għaliex l-Ambaxxatur preżenti għalaq 18-il sena. Kien hemm qbil li għandha toħroġ sejħa ta' interess fuq *facebook*.

3.7. Is-SE fakkar lill-Kunsillieri li fi tmiem il-ġimgħa se ssir il-Laqgħa għall-Kunsillieri.

3.8. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistaqsi l-Każin tal-Peace biex jaħdmu xi ħaġa simili għal dik maħduma mill-Banda Vittorja. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jistaqsi lill-Arċipriet biex il-Parroċċa terġa tarma d-dwal ta' madwar il-Knisja iżda jipprovdi d-dawl il-Kunsill.

3.9. Is-SE informa lill-Kunsill li bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru kien preżenti għall-konferenza ġewwa Napli marbuta mal-EEPA, fejn ħareġ biċ-ċar kemm l-UE qed tagħti importanza lill-SMEs. Informa li kien hemm qsim ta' esperjenzi, u ippromwovew ħidma biex niffaċilitaw in-negozji biex joħorġu b'ideat oriġinali. Kompla jigħid li peress li l-Kunsill rebaħ fuq bażi nazzjonali il-Kunsill ingħata d-dritta li jintużaw *kitemarks* sabiex ikunu użati għal sena fuq stationery tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandhom ikunu stampati letterheads ġodda b'din il-marka.

3.10. Is-Sindku infurmat li min-naħa tas-sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa kien se jibda jsir monitoraġġ tal-arja.

3.11. Is-SE informa li applikazzjonijiet għal Skola Sport se jkunu disponibbli mill-Kunsill.

3.12. Is-SE informa li l-Kunsill reġa rebaħ il-Premju tal-President għall-Kreattività li permezz tiegħu se jerġa jsir il-proġett tal-Kreanza għall-anzjani, li kien ta' suċċess, u għandu jibda din il-ġimgħa. Dik il-ġimgħa stess ukoll se jkun hemm il-varar u t-tħabbira uffiċjali tar-rebbieħa li għaliha kien mistieden biex jattendi.

3.13. Is-SE informa li bejn it-22 u t-30 ta' Novembru l-UE se tkun qed tippromwovi ġimgħa għal tnaqqis tal-iskart. Informa wkoll li l-Kunsillier Sciberras kien qed jaħdem fuq xi attivitajiet relatati.

3.14. Is-SE informa li d-Dipartiment għal Gvern Lokali qed iniedi kors għas-Segretarji Eżekuttivi li twassal għal Diploma. Dan jinvolvi sessjonijiet kull ġimgħa u huwa obbligatorju.

3.15. Is-SE informa li kienet waslet talba l-Kunsill mingħand *hawker* fejn ried firma sabiex ikun jista jinstalla *meter* tad-dawl. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jiffirma.

3.16. Is-Sindku infurmat li se jsir proġett Ewropew intitolat *Authentic Europe Network*. Huwa maħsub biex isiru laqgħat f'kull pajjiż, hemm 5 involuti, biex jinqasmu esperjenzi u b'hekk kull pajjiz ikun jista jgħin it-turiżmu fil-lokal tiegħu. Is-Sindku kompliet tgħid li, għall-*kick-off meeting* fil-Bulgarija se jattendu hi u s-SE..

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI, INFIQ

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

4.2. Il-Kunsill approva wkoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

4.3. Is-SE issuġġerixxa lill-Kunsill li jsir filmat fuq DVD ta' attivitajiet u xogħlijiet varji tal-Kunsill, biex il-Kunsill ikollu materjal biex jippromwovi lilu innifsu waqt xi programmi televiżivi meta jsiru stedin lis-Sindku. Il-Kunsill approva filwaqt li kien miżjud illi l-filmat ikun permezz ta' menu b'attivitajiet varji.

## 5. PROPOSTA GĦAL *CAT CAFÈ*

5.1. Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat minn xi residenti tas-Sagħjtar sabiex isir *Cat Cafè* xi mkien ġewwa s-Sagħjtar.

5.2. Il-Kunsillier Galea informa li kien kellem lid-Dipartiment konċernat u kien infurmat li l-Kunsill jista' jidentifika żona u l-kumplament tax-xogħol u l-ispejjez isiru kollha mill-Gvern.

5.3. Wara diskussjoni, fejn il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob il-parir ta' xi Kunsilli oħrajn li għandhom *Cat Cafè* fil-lokalità tagħhom, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Galea għandu jiġbor aktar informazzjoni u xi ritratti biex dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss.

## 6. PROPOSTI MILL-KUMITAT TAN-NEGOZJI

6.1. Kien hemm qbil li dan il-punt jiġi aġġornat għal laqgħat oħra.

## 7. ATTIVITÀ TAL-MILIED

7.1. Is-SE ppreżenta l-minuti tas-sottokumitat tan-negozji.

7.2. Kompla jinforma l-Kunsill li l-attività tal-Milied se ssir nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru bejn is-2pm u t-8pm. Huwa l-ħsieb li jsiru attivitajiet zgħar tul il-ġimgħa. Iż-żona prinċipali tal-attività se tkun il-parti ta' Labour Avenue, ma' ġenb il-bandli.

7.3. Is-SE informa wkoll li kien talab kwotazzjoni mingħand Casapinta għal tinda. Il-prezz li kkwotawlu (€5,000) kien għoli ħafna, għal daqs iżgħar minn dak li għandu bżonn il-Kunsill. Però qed jistenna kwotazzjonijiet minn bnadi oħra u għandu jinforma l-Kunsill x'ħin jaslulu. Il-Kunsill qabel mal-idea li jkun hemm tinda biex anki jekk ikun maltemp l-attività ma titħassarx.

7.4. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsillieri Galea u Sciberras għandhom jiġbru xi informazzjoni dwar *billboards* u fejn hemm minnhom disponibbli.

7.5. Kien hemm qbil ukoll li l-Każini għandhom ikunu mħeġġa jarmaw xi *stalls*. Għandu jsir ukoll presepju ħaj.

## 8. TISBIH TA' ART FI TRIQ V. BORON MA' TRIQ SAN PUBLIUS

8.1. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li għandu jibda l-proċess għalkemm kien rikonnoxxut li ma kienx hemm għaġġla partikulari.

## 9. LAQGĦAT MINN SEDQA

9.1. Wara diskussjoni qasira, kien hemm il-qbil li għandhom jiġu organizzati dawn il-laqgħat u possibilment ikunu involuti l-għaqdiet.

## 10. KONFERMA JEW AĠĠUSTAMENTI QABEL IL-ĦRUĠ TA' OFFERTI

10.1. Is-SE informa li kien hemm xi aġġustamenti fil-kuntratt tal-Perit billi żdiedet klawsola għal xogħlijiet strutturali biex jiġu speċifikati kif jinħadmu l-pagamenti għal dan it-tip ta' xogħol.

10.2. Il-Kunsill qabel mat-tibdil u approva il-ħruġ tal-offerti kollha.

## 11. PROPOSTA GĦALL-KISI MILL-ĠDID TA' PARTI MINN TRIQ TAL-LABOUR U L-PJAZZA

11.1. Is-Sindku spjegat il-proposta sabiex il-Kunsillieri kollha jkunu jafu x-xogħlijiet involuti. F'din il-parti tat-triq hemm ħafna postijiet fejn l-asfalt qed iċedi u qed joħloq periklu għal min ikun qed jaqsam it-triq kif ukoll għas-sewwieqa.

11.2. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li għandu jkun ordnat ix-xogħol.

## 12. RAPPORT DWAR IL-FESTA TA' MARIJA BAMBINA

12.1. Is-SE ippreżenta ir-rapport dwar il-festa.

12.2. Il-Kunsill qabel li dak li jista' jirranġa għandu jkun irranġat fi żmien biżżejjed qabel il-festa.

12.3. Il-Kunsillier Galea talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:51.

## 13. TMIEM IL-LAQGĦA

13.1. Qabel ma l-laqgħa spiċċat il-Kunsillier Cuomo tat rendikont taż-żjara tagħha Veneto mal-MAGF. Hija ippreżentat ukoll xi dokumenti. Infurmat ukoll li l-attività li jmiss relatata mal-proġett se ssir il-Belt Valletta f'April/Mejju.

13.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014.

13.3. Il-laqgħa intemmet fl-22:04.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**A**



Gmail by Google

Paul Gatt [redacted]

# Nota

**Clinton Sammut** <[redacted]> 14 October 2014 16:28
To: Paul Gatt <[redacted]>

Ghaziz Sur Segretarju,

Qieghed nibghatlek din l-email f'kaz li llejla ma nkunx nista nattendi ghall-laqgha tal-kunsill. ninsab ma niflahx bi ftit deni. Jekk nkun ahjar nattendi izda jekk le nitolbok li nigi mnizzel bhala skuzat.

Nirringrazzjak

Clinton

--
Clinton Sammut
Councillor- Naxxar Local Council
Sports/ Youth and Environment.
Mob: [redacted]
Email: [redacted]

B

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 26

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-12 ta' Settembru 2014 sas-7 ta' Ottubru 2014

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | € 186.07 | € 186.07 | T | PF | Review of planning applications - Aug 14 | 31/08/2014 | 1412 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Adi Associates Ltd | € 529.06 | € 529.06 | T | PF | Fresh drawings & decision follow up - Aug 11 | 31/08/2011 | 889 | n/a | n/a | 3130 | |
| 3 | AMJ Legal | € 177.00 | € 177.00 | T | PF | Retainer fees - Sept 14 | 01/10/2014 | 136 of 2014 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Anthony Abela | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Guze Muscat | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17987 |
| 5 | Anthony Domancich | €58.99 | €58.99 | D | PF | Claim for damage - Incident in Triq San Pawl dated 06/08/2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | |
| 6 | Anthony Galea | € 130.00 | € 130.00 | D | PF | Tiswija ta' sprall f'SPTT u bicciet hadid ghat-tabelli | 15/19/2014 | 38 | 4919 | 4919 | 2310 | |
| 7 | Anthony Galea | € 50.00 | € 50.00 | D | PF | Sprall gdid fi Triq il-Gdida u Tiswija ta' tabella (bollard) fi Pjazza Vittorja | 26/09/2014 | 11524513 | 4926 | 4926 | 2310 | |
| 8 | Archway Ironmongery | € 34.29 | € 34.29 | D | PF | Cutting disks, sandpaper, screws, key, etc. | 18/06/2014 | 36198 | 4823 & 4856 | 4823 & 4856 | 2210 | |
| 9 | Assocjazzjoni tal-Gvern Lokali | €125.00 | €125.00 | D | PF | Cirkulari AKL Cirk 58/2014 - Laqgha ghall-Kunsillieri ta' Malta u Ghawdex datata 17 u 18 ta' Ottubru 2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 17993 |
| 10 | Bitmac Works Ltd | € 45.50 | € 45.50 | D | PF | Instant road repair in Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna & Triq l-Emigranti | 26/09/2014 | 110495 | 4928 | 4928 | 2311 | |
| 11 | Bonnici's Press | € 180.00 | € 180.00 | D | PF | 2000 no parking stickers | 23/09/2014 | 3796 | 4914 | 4914 | 2950 | |
| 12 | C&C Projects Ltd | € 250.00 | € 250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11, 10th claim on a/c | 09/09/2014 | 140905 | n/a | n/a | 3130 | |
| 13 | Cash | €152.75 | €152.75 | D | PF | Petty Cash - Sept 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 17989 |
| 14 | Charlie Mifsud | € 4,631.25 | € 4,631.25 | T | PF | Weed cutting of non urban roads - July, August & September 2014 | 01/10/2014 | 1086 | n/a | n/a | 3052 | |
| 15 | Commissioner of Inland Revenue Dept | € 2,263.84 | € 2,263.84 | D | PF | FSS + NI - Aug 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 17906 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Cutrico Services | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Imdina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17995 |
| 17 | Data Protection Commissioner | € 23.29 | € 23.29 | D | PF | Data Protection Act fee for the period Jul 14 till Jul 15 | 24/09/2014 | 1576 | n/a | n/a | 3690 | |
| 18 | Datatrak IT Services | € 33.00 | € 33.00 | D | PF | 3 pre regional tickets paid in Sept 14 | 30/09/2014 | 1010958 | n/a | n/a | 3610 | |
| 19 | DDE Attard Ltd | € 244.26 | € 244.26 | K | PF | Hiring of 3 mobile toilets for Festa Vittorja Naxxar 2014 | 10/09/2014 | 804 | 4902 | 4902 | 3370 | |
| 20 | Department of Information | € 9.32 | € 9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette dated 19/09/2014 with regards to Car Free Day dated 20/09/2014 | n/a | n/a | 4918 | 4918 | 2940 | 17907 |
| 21 | Dolceria Percius Co. Ltd | €120.60 | €120.60 | D | PF | Canapes, waiters & ice for MCCF Event | 01/10/2014 | 27 | 4909 | 4909 | 3360 | |
| 22 | G4S Security Services (Malta) Ltd | €371.70 | €371.70 | D | PF | Cash collection services - Sept 14 | 30/09/2014 | GS010873 | n/a | n/a | 3190 | |
| 23 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Sept 14 | 30/09/2014 | 2665 | n/a | n/a | 3130 | |
| 24 | Georgina Grima | € 834.26 | € 834.26 | D | PF | Nursing services - Sept 14 | 30/09/2014 | Sep-14 | n/a | n/a | 3150 | |
| 25 | Go plc | € 85.40 | € 85.40 | D | PF | Telephony monthly pay - Aug 14 (21416341) | 15/09/2014 | 39886186 | n/a | n/a | 2160 | 17908 |
| 26 | Go plc | € 15.58 | € 15.58 | D | PF | Telephony monthly pay - Aug 14 (21417224) | 15/09/2014 | 39886155 | n/a | n/a | 2160 | 17909 |
| 27 | Go plc | € 15.58 | € 15.58 | D | PF | Telephony monthly pay - Aug 14 (21416363) | 15/09/2014 | 39886190 | n/a | n/a | 2160 | 17910 |
| 28 | Grace Camilleri | € 204.48 | € 204.48 | D | PF | Branch librarian services - Sept 14 | 01/10/2014 | Sep-14 | n/a | n/a | 2995 | |
| 29 | GS Superstore | € 90.84 | € 90.84 | D | PF | Drinks for M.C.C.F. 2014 | n/a | n/a | 4910 | 4910 | 3370 | |
| 30 | Guard & warden service house | € 1,077.96 | € 1,077.96 | D | PF | Traffic management - Sept 14 | 30/09/2014 | GS001227 | n/a | n/a | 3195 | |
| 31 | Image Systems Ltd | € 70.62 | € 70.62 | D | PF | Ink for office photocopier - Aug 14 | 31/08/2014 | FSMA/107581 | n/a | n/a | 2670 | |
| 32 | Jonathan Mangion | € 633.66 | € 633.66 | K | PF | Bulky refuse collection - Jul & Aug 14 | 16/09/2014 | 1 | 4873 | 4873 | 3042 | |
| 33 | Jurgen Attard | €1,374.25 | €1,374.25 | T | PF | Handyman service - Sept 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3125 | 17990 |
| 34 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Ground warden - Sept 14 | 30/09/2014 | 158733 | n/a | n/a | 3191 | |
| 35 | Koperativa Tabelli u Sinjali | € 214.70 | € 214.70 | K | PF | Arrow sign; 2 give way signs; 2 roundabout signs; 1 no right turn & 2 dog signs. | 22/08/2014 | 19880 | 4850, 4862, 4871 & 4882 | 4850, 4862, 4871 & 4882 | 2313 | |
| 36 | Kumitat Festi Esterni | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Pjazza Vittorja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17986 |
| 37 | Leo's Garage Paramount | €175.96 | €175.96 | K | PF | Transport services for the elderly - Aug 14 | 31/08/2014 | 10000697 | n/a | n/a | 2720 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Lourdes Vella | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Jean de la Vallette | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17996 |
| 39 | Malta Community Chest Fund | € 170.00 | € 170.00 | D | PF | Donations collected by members of Naxxar Local Council & staff | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | 17895 |
| 40 | Malta post plc | € 108.78 | € 108.78 | T | PF | Postage of il-Kuntatt Magazine Aug 14 issue | 01/10/2014 | 45239 | n/a | n/a | 2650 | |
| 41 | Maria Deguara | € 858.52 | € 858.52 | D | PF | Mayor's allowance - Sept 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 42 | Mario Schembri | €43.00 | €43.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Antonio Sciortino | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17998 |
| 43 | Media Link Communications Ltd | €300.00 | €300.00 | D | PF | Sponsorship re Festa Marija Bambina Naxxar Sept 2014 | 26/09/2014 | 55445 | 4912 | 4912 | 2980 | |
| 44 | Miller Distributors Ltd | € 152.95 | € 152.95 | D | PF | Purchase of books for Naxxar Library Memo 4/14 | 17/09/2014 | 239840 | 4921 | 4921 | 2995 | |
| 45 | MITA | € 416.85 | € 416.85 | D | PF | Provision, Maintenance & Support of Wide Area Connectivity, period: Jul till Sept 2014 | 15/09/2014 | 30515 | n/a | n/a | 3110 | |
| 46 | Neil Schembri | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Buzjett | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17985 |
| 47 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Jul 14 | 31/07/2014 | Nxr 7/14 | n/a | n/a | 3041 | |
| 48 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Aug 14 | 31/08/2014 | Nxr 8/14 | n/a | n/a | 3041 | |
| 49 | Ozosystem Ltd | € 405.33 | € 405.33 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Aug 14 | 31/08/2014 | 23953 | n/a | n/a | 3055 | |
| 50 | Paul Gatt | €161.00 | €161.00 | D | PF | Subsistence allowance (Per Diem Allowance) for the attendance to the SME Assembly in Naples between the 1st and the 3rd of October 2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2820 | 17988 |
| 51 | Permanent Secretary, Ministry for Justice, Culture and Local Government | €50.00 | €50.00 | D | PF | Advert on The Malta Independent re Q06/14, Q07/14 & Q08/14 dated 8/10/2014. | 06/10/2014 | n/a | 4932 | 4932 | 2940 | |
| 52 | R&G Hardware | € 32.50 | € 32.50 | D | PF | 5 MCB Single face & 1 MCB 3 face | 15/09/2014 | 36304 | 4917 | 4917 | 2375 | |
| 53 | Richie's Ironmongery | € 62.11 | € 62.11 | D | PF | Adaptor, MCB, Single core 4mm, RCCB, 4 module surface. | 13/09/2014 | 4839AA | 4915 | 4915 | 2210 | |
| 54 | Sammut Concrete Supplies Ltd | €99.12 | €99.12 | D | PF | Concrete C20 | 31/08/2014 | 3125 | 4890 | 4890 | 2314 | |
| 55 | Sandro Caruana | € 466.29 | € 466.29 | T | PF | Cleaning Public Convenience - Jul 14 | 30/07/2014 | nxr_Jul14 | n/a | n/a | 3053 | |
| 56 | Sandro Caruana | € 466.29 | € 466.29 | T | PF | Cleaning Public Convenience - Aug 14 | 30/08/2014 | nxr_Aug14 | n/a | n/a | 3053 | |
| 57 | Sandro Caruana | € 466.29 | € 466.29 | T | PF | Cleaning Public Convenience - Sept 14 | 30/09/2014 | nxr_Sept14 | n/a | n/a | 3053 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 58 | Serafin Buhagiar | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Lord Byrone | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17984 |
| 59 | SR Environmental Solutions Ltd | €25.56 | €25.56 | D | PF | Fido liner | 29/09/2014 | 14110 | 4782 | 4782 | 2316 | |
| 60 | Staff Wages | €7,974.73 | €7,974.73 | D | PF | Staff wages - Sept 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 61 | Transport Malta | €74.00 | €74.00 | D | PF | Parking Dials | n/a | n/a | 4925 | 4925 | 2950 | 17992 |
| 62 | Victoria Bondin | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Vjal il-21 ta' Settembru | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17997 |
| 63 | Victor Mula | €1,637.20 | €1,637.20 | T | PF | Handyman service - Sept 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3125 | 17991 |
| 64 | Victor Muscat | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Mosta | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17994 |
| 65 | WasteServ Malta Ltd | €4,879.55 | €2,888.54 | D | PF | Allocated msw waste - Aug 14 (2nd half) | 15/09/2014 | 52256 | n/a | n/a | 3040 | |
| 66 | WasteServ Malta Ltd | €4,550.10 | €2,888.54 | D | PF | Allocated msw waste - Sept 14 (1st half) | 01/10/2014 | 52594 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€53,219.58** | **€49,567.01** | | | | | | | | | |

ċ

**Income list for the month of September 2014** **01/10/2014**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0000 | Reimbursement re. donation to MCCF | €170.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €116.47 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €189.00 |
| 0025 | Skip Permit | €79.72 |
| 0026 | Crane Permit | €616.50 |
| 0027 | Kiosk Permit | €93.17 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €104.85 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €93.18 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €232.00 |
| 0121 | Advertising | €116.47 |
| 0125 | Trenching permits | €18.64 |
| 0200 | Debtors | €795.41 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,040.00 |
| 4007 | Deposit re. appeals: T05/2013 & T01/2014 | €6,300.00 |
| | **TOTAL** | **€9,965.41** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 12443 |
| | To | 12709 |

**D**

**Purchase Order list for the month of September 2014** **01/10/2014**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/09/2014 | 4905 | Steve Rutland | Filming service - MCCF | €129.80 |
| 01/09/2014 | 4906 | Reuben Seychell | Photography service - MCCF | €70.00 |
| 01/09/2014 | 4907 | GS Superstore | Coffees & snacks for the conference room | €189.89 |
| 01/09/2014 | 4908 | Safety & Security Management Ltd | Toiletries | €286.74 |
| 01/09/2014 | 4909 | Dolceria Percius Co. Ltd | Snacks - MCCF Activity | €120.60 |
| 01/09/2014 | 4910 | GS Superstore | Drinks - MCCF Activity | €87.61 |
| 04/09/2014 | 4911 | Dimbros Ltd | Temporary service of Bulky refuse collection | €1,148.96 |
| 05/09/2014 | 4912 | Medialink Communications Ltd | Advertising Naxxar Feast & MCCF | €300.00 |
| 22/08/2014 | 4913 | Transient Light & Sound Co. Ltd | Sound & Lighting system "Gieh in-Naxxar 2014" | €285.56 |
| 12/09/2014 | 4914 | Bonnici Press | 2000 no parking stickers | €180.00 |
| 15/09/2014 | 4915 | Richie's Ironmongery | Salva vita for Council offices | €62.11 |
| 15/09/2014 | 4916 | Koptasin | 4 no entry signs, 2 no waiting signs & 3 street names | €299.00 |
| 15/09/2014 | 4917 | R&G Ironmongery | 5 MCB Single 16Amps & MCB 3 face 40Amps | €32.50 |
| 15/09/2014 | 4918 | DOI | Advert for Car Free Day Activity on Gov. Gazz. | €9.32 |
| 15/09/2014 | 4919 | Anthony Galea | Tiswija ta' sprall u bicciet tal-hadid | €130.00 |
| 15/09/2014 | 4920 | Ghaqda Kulturali Wirt Naxxari | Servizz ta' gwida - waqt il-Car Free Day 20/09/2014 | €150.00 |
| 15/09/2014 | 4921 | Miller Distributors Ltd | Midnight in Peking; Blood on the altar; A French Affair; etc | €152.95 |
| 19/09/2014 | 4922 | Koptasin | Street name - Santa Klara | €19.50 |
| 23/09/2014 | 4923 | Lift Services Ltd | Photocell | €129.80 |
| 25/09/2014 | 4924 | Correct Termination Ltd | Provision of online streaming Service | €2,596.00 |
| 30/09/2014 | 4925 | Transport Malta | Parking Dials | €74.00 |
| 26/09/2014 | 4926 | Anthony Galea | Sprall gdid u tiswija ta' tabella | €50.00 |
| | | | **Total** | **€6,504.34** |